**14 ta' Lulju, 1997**

**Imħallef:-**

**Onor. Geoffrey Valenzia B.A., LL.D.**

Maria Debono

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija u l-*Police Licences Appeals Tribunal*

**Leġittimu Kontradittur - Għoti ta' Liċenzji**

*Il-Qorti rriteniet li l-*Police Licences Appeals Tribunal *mhux leġittimu kontradittur f'din il-kawża peress li dan għandu biss funzjoni konsultattiva u huwa biss il-Kummissarju tal-Pulizija li finalment jiddeċidi dwar il-liċenzjar ta' ħanut u l-kundizzjonijiet li jista' jimponi fil-liċenzja.*

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors li permezz tiegħu ir-rikorrenta esponiet illi hija tgawdi liċenzja mingħand l-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex topera l-ħanut magħruf aħjar bħala "Didie's Bar" li jinsab fi Triq it-Turisti, Buġibba;

Illi dan il-ħanut jinsab fi triq kummerċjali ħafna f'post turistiku u li fit-triq hemm diversi ħwienet simili bl-istess ġeneru ta' liċenzja;

Illi l-esponenti proprju f'Novembru 1995, l-intimat Kummissarju fuq parir ta' l-intimat *Police Licences Appeals Tribunal*, żied kundizzjoni fil-liċenzja ta' l-esponenta li tgħid li "l-parapett (tal-ħanut Didie's Bar) m'għandux jintuża kummerċjalment wara l-ħdax ta' filgħaxija (11.00 p.m.)" u dan meta l-istess liċenzja tal-ħanut hija operattiva sas-siegħa ta' filgħodu (1.00 a.m.), liema kundizzjoni ġiet imposta lill-esponenta biss fl-*area* kollha ta' Buġibba jew mhux fl-*area* kollha ta' Malta u Għawdex, liema prova ta' dan tirriżulta waqt

il-provi ta' dan ir-rikors;

Illi l-esponenta permezz tal-protest uffiċjali tagħha f'Settembru li għadda ta' 1996, interpellat fost oħrajn lill-intimat Kummissarju tal-Pulizija biex jirregola l-posizzjoni tiegħu u dan peress li dan l-aġir barra li huwa irresponsabbli huwa ukoll diskriminatorju u illegali peress li mhux ibbażat fuq dritt u ukoll barra minn hekk qiegħed jillimita l-istess tgawdija tal-proprjetà privata u kummerċjali ta' l-esponenta liema aġir abusiv imur kontra l-Kostituzzjoni ta' Malta in partikolari l-artikolu 37 u l-artikoli 8 u 14 ta' l-Att XIV ta' l-1987, l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropeja, Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;

Għaldaqstant l-esponenta titlob li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara li l-aġir ta' l-intimati jikkostitwixxu kṣur tal-Kostituzzjoni u l-Att 319 tal-Liġijiet ta' Malta u ukoll titlob li barra li tpoġġi l-esponenta taħt il-liċenzja kif kienet qabel Novembru, 1995 mingħajr dina l-kundizzjoni mposta tiġi ukoll ikkumpensata għad-danni li ġew rekati lilha proprju minn Novembru 1995;

Rat ir-risposta ta' l-intimati a fol. 7 fejn esponew;

Illi l-*Police Licences Appeals Tribunal* m'għandux *locus standi* f'dawn il-proċeduri stante li dan huwa biss bord konsultattiv li m'għandux personalità ġuridika distinta;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess dina l-Qorti għandha tirrifjuta li teżerċita l-ġurisdizzjoni tagħha taħt l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u taħt l-Att XIV ta' l-1987 stante li l-vertenza f'din il-kawża hija waħda prettament ta' dritt amministrattiv li taqa' b'mod ċar fil-ġurisdizzjoni ordinarja tal-Qrati taħt l-artikolu 469A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, il-fatti ta' dan il-każ ma jqajmu ebda kwistjoni rigwardanti l-artikoli 37 tal-Kostituzzjoni u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja u wisq inqas dwar l-artikoli 14 tal-Konvenzjoni peress illi din il-kawża tittratta biss dwar awtorizzazzjoni ta' użu ta' parapett għal skopijiet kummerċjali wara l-11.00 p.m. u ċertament l-użu kummerċjali ta' parapett wara l-11.00 p.m. ma jikkostitwix dritt fondamentali u ma jqajjimx kwistjonijiet dwar id-dritt għall-proprjetà jew ta' l-intimità tad-dar;

Subordinatament u fil-meritu t-talbiet ta' l-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt u l-esponent ma wettaq ebda leżjoni ta' drittijiet fondamentali tar-rikorrent;

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Semgħet lill-avukati difensuri jittrattaw;

Illi l-ewwel kontestazzjoni ta' l-intimati hi fis-sens li l-*Police Licences Appeals Tribunal* m'għandux *locus standi* f'dawn il-proċeduri stante li dan huwa bord konsultattiv li m'għandux personalità ġuridika distinta;

Illi skond l-artikolu 6 tal-*Legal Notice* 18/199, 1 l-P.L.A.T. jisma' u jagħti parir finali lill-Kummissarju tal-Pulizija;

Minn dawn ir-regolamenti jirriżulta ċar li l-P.L.A.T. għandu biss *status* konsultattiv u hu l-Kummissarju tal-Pulizija li finalment jieħu d-deċiżjoni u hu responsabbli għad-deċiżjoni li tittieħed. Konsegwentement kull ilment fuq dina d-deċiżjoni għandu jkun dirett lejn il-Kummissarju li jkun ħa d-deċiżjoni (ara deċiżjoni simili li kienet tittratta dwar il-*Planning Area Permits Board* fl-ismijiet **Frank Pace *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et***, App. 1311/78 deċiż fl-14 ta' Ġunju, 1995 u rrinvjat

quddiem il-Qorti Ċivili AM);

Għalhekk il-Qorti tikkonkludi u tiddeċidi li t-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-P.L.A.T. għandhom jitqiesu li ma ġewx diretti kontra l-leġittimu konntradittur u għalhekk l-istess intimati P.L.A.T. għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju. Spejjeż għar-rikorrenti;

Il-kawża ġiet iddifferita għall-provi tar-rikorrenti għall-10 ta' Novembru, 1997 fl-10.15 a.m.